

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur ta' dritt u fuq proċess deċiżjonali distort.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u tal-garanziji proċedurali.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2016 – Globo Media vs EUIPO - Globo Comunicação e Participações (GLOBO MEDIA)

(Kawża T-262/16)

(2016/C 260/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Globo Media, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: L. Estropá Navarro u J. Calderón Chavero, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Globo Comunicação e Participações S/A (Rio de Janeiro, il-Brażil)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "GLOBO MEDIA" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 957 169

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Marzu 2016 fil-Każ R 561/2014-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- bħala konsegwenza tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, tiċħad l-Oppożizzjoni Nru B1697179 mressqa kontra r-reġistrazzjoni u taċċetta r-reġistrazzjoni tat-trade mark kontenzjuża għas-servizzi fil-klassijiet 35, 38 u 41.
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-partijiet intervenjenti l-oħra għall-ispejjeż ta' din il-kawża fil-każ li jkkontestaw dan ir-rikors u jtilfu.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-